# L-IKLIN

## Il-kappella ta' San Mikiel



Josef Mario Briffa

Ma nistax nitkellem dwar l-istorja ta' l-Iklin bla ma nsemmi l-kappella ddedikata lil San Mikiel Arkanġlu, kappella li tinsab fuq l-għolja tas-Simblija. Din il-kappella hija mdaqqsa meta mqabbla ma' oħrajn ta' l-istess żmien. Minn ġewwa, il-kappella hija mqassma f'żewġ taqsimiet, parti wiesa' li fiha joqogħdu n-nies, u parti idjaq li fiha hemm il-presbiterju li hu tarġa ogħla mill-bqija tal-Kappella. Il-kappella fiha artal wieħed tal-ġebel, u l-pittura ta' fuqu, fi ġwarniċ tal-ġebel, turi lil San Mikiel b'xabla f'idejh u lix-xitan, taħt San Mikiel, marbut f'katina. Barra, quddiem l-bieb tal-knisja, hemm zuntier żgħir, u mal-ħajt tal-kappella hemm żewġ ċipressiet.

**Ma nafux sewwa sew meta nbniet l-ewwel kappella f'dan il-post, iżda nafu li fl-1575 kien hemm diġa kappella. Il-kappella tissemma fil-Vista Appostolika ta' Mons. Duzina. Fl-Atti ta' din il-vista, hemm miktub li l-kappella tinsab fl-inħawi magħrufa bħala "li Chili" li jagħmel parti minn Ħal Lija. Kellha biss artal wieħed, u kienet nieqsa minn kollox saħansitra bieb. Mons. Dusina ordna li il-kappella ma tintużax qabel isirilha bieb ta' l-injam.**

Il-kappella aktarx reġgħet inbniet mill-ġdid fil-bidu tas-seklu XVII bi flus Ġlormu Hagius, minn Ħal Lija li waqqaf ukoll ġuspatonat lajkali. Ġlormu Hagius jissemma wkoll bħala sagristan u benefattur tal-kappella. Meta nbniet kienet taqdi il-bżonnijiet pastorali tan-nies li kienu joqogħdu viċin, u aktarx kien isir fiha quddies regolarment u mhux biss darba fis-sena nhar il-festa.

Il-kappella kellha x-xorti li kellha bosta renti u għalhekk ma tinsabx żdingata bħal bosta kappelli Maltin. Fil-fatt il-kappella ddaħħal ir-renti minn ġnien żgħir ma' ġenb il-kappella u għalqa warajha, artijiet li jidhru f'bosta dokumenti relatati ma' din il-kappella. Kienet tgawdi wkoll mill-qliegħ li kien isir mis-self ta' żewġ kapitali ta' 100 skud il-wieħed. Fil-kappella, gandlieri, vażuni u l-*carte di gloria* ġew arġentati fl-1852 u kienu ntefqu 23 skud għal dan il-għan. Irridu niftakru li għalkemm 23 skud jiġu madwar £2 Ingliżi, in-nies kienu jaqalgħu ferm inqas mil-lum. Fl-1926, ġiet indurata mill-ġdid it-tazza tal-kalċi tal-Kappella, spiża li qamet 9 xelini. Fil-bidu ta' dan is-seklu, ma' ġenb il-kappella ta' San Mikiel inbniet il-Fabbrika tan-Nar. Illum dak li jkun jista' japprezza is-sbuħija ta' din il-Kappella nhar il-Festa tad-Dedikazzjoni ta' San Mikiel li tiġi ċċelebrata il-Ħadd ta' qabel id-29 ta' Settembru, b'quddiesa u programm sħiħ warajha.

### IL-FESTI TA' SAN MIKIEL

Illum, meta nsemmu il-festa ta' San Mikiel tiġina f'moħħna dik il-festa ħelwa li tiġi ċċelebrata il-Ħadd ta' qabel id-29 ta' Settembru. Forsi ftit nimmaġinaw li sa ftit ilu kienu jiġu ċċelebrati żewg festi: waħda nhar it-8 ta' Mejju, il-festa ta' l-Apparizzjoni u oħra nhar id-29 ta' Settembru, il-festa tad-Dedikazzjoni.

Minn dokumenti li rajt s'issa lejliet il-festa kienu jsiru il-Vespri, filwaqt li nhar kull festa kienet issir quddiesa li tkun kantata (xi drabi saħansitra krew orgni għall-festi). Ta' min iqis li fil-bidu tas-seklu il-Każin ta' San Mikiel kien għadu ma ffurmax l-għaqda tan-Nar.

Sabiħ li nkunu nafu minn fejn bdew dawn il-festi. Il-festa tat-8 ta' Mejju hija t-tifkira tad-dehrlet ta' San Mikiel fil-Gargano (fil-Pulja, l-Italja) Fil-fatt, San Mikiel deher erba' darbiet: tlett darbiet lejn tmiem il-ħames seklu, u l-aħħar darba fl-1656. Il-grotta li fiha deher l-Arkanġlu llum tinsab lejn it-tarf tal-belt żgħira ta' Monte Sant-Angelo, il-muntanja ta' l-Anġlu . 'Il-barra mill-grotta fejn deher San Mikiel insibu il-basilika antika ħafna li ġiet mibnija bil-mod il-mod. Il-festa tad-29 ta' Settembru hija propju il-festa tad-dedikazzjoni ta' din il-basilika.

F'Ħal Lija, l-aħħar Ħadd ta' Settembru għadha ssir il-Festa tad-Dedikazzjoni. Il-kappella hija waħda mill-ftit f'Ħal Lija, li l-festa issir bil-kbir. Tiġi ċċelebrata b'mod ħelu quddiesa sempliċi tard wara nofs in-nhar fil-Kappella, u warajha jkun hemm programm mużikali u fiera. Ma jonqsux il-murtali. Il-festa tagħlaq bil-ġiġġifogu u l-kaxxa infernali. Hija festa ta' min iżurha.


Referenzi

A(rkivju) P(arrokjali) L(ija), Dokumenti Parrokjali, 1B

APL, Liber Defunctorum II, f 17

APL, Documenti Parrochiali, n.8

APL, Documenti Parrochiali, n 22

APL, Patrimonio A, f177

APL, Documenti Diversi, n57

APL, Amministrazione della Procura della Chiesa filiale di S. Michele Arcangelo